



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 97/24

il-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-221/22 P | Il-Kummissjoni vs Deutsche Telekom

Il-Kummissjoni għandha tħallas l-interessi fuq il-multi li hija timponi indebitament fil-qasam tal-kompetizzjoni u li hija tkun irċeviet l-ammonti tagħhom b'mod provviżorju

Dawn l-interessi huma intiżi li jikkompensaw b'rata fissa lill-impriża kkonċernata għaċ-ċaħda tat-tgawdija tal-ammont inkwistjoni

Meta l-Qorti Ġenerali jew il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla jew tnaqqas multa imposta mill-Kummissjoni fuq impiża għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, din l-istituzzjoni għandha mhux biss tirrimborsa l-ammont kollu jew parti minnu tal-multa mħallsa mill-impiża provviżorjament, iżda għandha wkoll tħallas interessi għall-perijodu mid-data tal-ħlas provviżorju ta' din il-multa sad-data tar-rimbors. Dawn ma humiex "interessi moratorji", iżda interessi intiżi li jikkompensaw b'rata fissa lill-impiża għaċ-ċaħda tat-tgawdija tal-ammont inkwistjoni.

Fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea imponiet fuq Deutsche Telekom AG multa ta' madwar EUR 31 miljun għal abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq Slovakk tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni bil-broadband.

Deutsche Telekom ippreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li ħallset provviżorjament din il-multa fis-16 ta' Jannar 2015.

Il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment dan ir-rikors u naqqset l-ammont tal-multa b'madwar EUR 12-il miljun ¹. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrimborsat dan l-ammont lil Deutsche Telekom fid-19 ta' Frar 2019.

Sussegwentement, Deutsche Telekom talbet lill-Kummissjoni tħallasha l-interessi moratorji fuq dan l-ammont għall-perijodu mid-data tal-ħlas tal-multa sad-data tar-rimbors, jiġifieri għal iktar minn erba' snin.

Peress li l-Kummissjoni rrifjutat, Deutsche Telekom reġgħet marret quddiem il-Qorti Ġenerali, li kkundannat lill-Kummissjoni tħallas ammont ta' madwar EUR 1.8 miljun lil Deutsche Telekom ².

Il-Kummissjoni appellat minn din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita ferm li ma hemmx lok li tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fil-każ ta' annullament jew ta' tnaqqis b'effett retroattiv, minn qorti tal-Unjoni, ta' multa imposta mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, din l-istituzzjoni għandha tirrimborsa l-ammont kollu jew parti minnu tal-multa mħallsa provviżorjament, flimkien mal-interessi għall-perijodu mid-data tal-ħlas provviżorju ta' din il-multa sad-data tar-rimbors tagħha ³. Dan l-obbligu jibqa' jeżisti anki meta d-dħul finanzjarju tal-investiment mill-Kummissjoni tal-ammont ta' din il-multa matul dan il-perijodu kien xejn, jew saħansitra negattiv. Dawn ma humiex "interessi moratorji", iżda interessi intiżi li jikkompensaw fil-forma ta' somma f'daqqa lill-impiża għaċ-ċaħda ta' tgawdija tal-ammont inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ġustament qieset li r-rata applikabbli għall-interessi li l-Kummissjoni hija obbligata tħallas lil Deutsche Telekom tammonta għar-rata ta' rfinanzjament tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) miżjuda bi 3.5 punti perċentwali ⁴.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat 13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il Kummissjoni, [T-827/14](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 196/18](#)).

² Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad 19 ta' Jannar 2022, Deutsche Telekom vs Il Kummissjoni, [T-610/19](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 7/22](#)).

³ Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod iktar ġenerali li, meta somom ta' flus ikunu nġabru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (sew minn awtorità nazzjonali jew minn istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni), dawn is-somom ta' flus għandhom jitħallsu lura u dan il-ħlas lura għandu jġidied bl-interessi li jkopru l-perijodu kollu mid-data tal-ħlas ta' dawn is-somom ta' flus sad-data tal-ħlas lura tagħhom.

⁴ B'analoġija mal-Artikolu 83(2)(b) tar-[Regolament ta' Delega Nru 1268/2012](#) tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad 29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni